# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 910/2014/1 MCH**

**Philip Cardona**

***v.***

**Direttur Ġenerali Dwana**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2017 li ċaħdet talba tiegħu biex jintraddlu bastiment maqbud mill-konvenut.

2. Il-bastiment tal-attur inqabad b'nota ta' qbid numru 71/2014 maħruġa mill-konvenut fl-4 ta' Settembru 2014 wara li lill-konvenut deherlu li kien intuża għall-ġarr ta' sigaretti soġġetti għal konfiska bi ksur tal-artt. 37, 60, 68(1) u 69(1) u (2) tal-Ordinanza tad-Dwana ["Kap 37"] għax fuqhom ma tħallsux it-taxxi li kellhom jitħallsu. Billi jgħid li hu, bħala sid il-bastiment, ma kellux

x'jaqsam ma' dawn is-sigaretti, u ma kienx jaf, u ma setax ikun jaf, bihom, l-attur ikkontesta l-qbid u fetaħ din il-kawża li biha qiegħed jitlob illi l-qorti:

»(1) tordna ir-rilaxx tal-bastiment *MV Alice*, bin-numru ufficjali 10201 proprjetà tar-rikorrenti;

»(2) tordna lil konvenut Direttur Generali (Dwana) sabiex jikkonsenja l-imsemmi bastiment, u kwalunkwe oggetti oħra relatati mal-istess li jistgħu jkunu fil-pussess tiegħu, lir-rikorrenti;

»(3) tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jieħu l-pussess lura tal-istess bastiment.

»Bl-ispejjeż … … .«

3. Il-konvenut wieġeb hekk:

»(1) Fil-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti … … …:

»(2) Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

»Il-qbid tal-konsenja ta' sigaretti sdazjati li kienet tinstab fuq il-*MV Alice* u l-qbid tal-imsemmija lanċa permezz tan-noti ta' qbid li jġibu n-numri ta' referenza 70 (li mhix qed tiġi kontestata permezz tal-proċedura odjerna) u 71 tas-sena 2014 rispettivament, sar mill-esponent peress li fuq l-istess lanċa nstabet kwantità sostanzjali ta' sigaretti sdazjati u *cioè* tlett elef, mija u tmenin (3,180) pakkett b'għoxrin (20) sigarett kull wieħed għall-ammont komplessiv ta' tlieta u sittin elf, sitt mitt sigarett (63,600) li fuqhom ma kinux tħallsu t-taxxi ta' importazzjoni, tas-sisa u tal-*VAT* u għalhekk il-lanċa kienet soġġetta għall-qbid u dan b'mod tassattiv, *ai termini* tal-artikoli 60, 68, 69 tal-Kap. 37 kif ukoll tal-artikolu 17 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

»(3) It-taxxi li kellhom jitħallsu fuq dawn is-sigaretti sdazjati kienu jammontaw għal total ta' tnax-il elf, tmien mija u tnejn u erbgħin euro u disgħa u sebgħin centezmu (€12,842.79) li jirrappreżentaw l-ammont li kien se jiġi evaż f'dazji u taxxi a skapitu tal-erarju pubbliku.

»(4) Dawn huma proceduri *in rem* għar-rilaxx tal-imsemmija lanċa maqbuda *ai termini* tal-artikolu 72 *et seq.* tal-Kap. 37 u għalhekk il-kwistjoni hi jekk l-oġġetti ġewx maqbuda skont il-liġi, u jekk effettivament l-istess lanċa kinitx il-mezz tal-ġarr tal-oġġetti li kienu se jiddaħħlu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-liġijiet doganali u fiskali. *Inoltre*, dan l-ammont ta' sigaretti sdazjati ġew skoperti unikament wara spezzjoni mill-uffiċjali tad-Dwana sussegwenti għall-fatt li l-kaptan kien diġà ikkonsenja lill-uffiċjali tad-Dwana d-dokumentazzjoni apposita magħrufa bħala l-prattika, liema dokumentazzjoni tikkonsisti f'*IMO general declaration*, *IMO crew's effects declaration*, *crew list arrival* datata 29 ta' Ġunju (2014 mhux indikat), u *ship's stores declaration*. Għandu jingħad li, mill-imsemmija dikjarazzjonijiet tal-kaptan, minn imkien ma jirriżulta li ġew indikati xi sigaretti sdazjati

abbord l-istess lanċa, u dan kif se jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-azzjoni odjerna. *Inoltre*, l-esponent jirrileva li fuq il-*IMO crew's effects declaratio*n kien hemm addirrittura indikat il-kliem "*No dutiable items good on board*"; liema frażi hija assoluta u inekwivoka.

»(5) Fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li allegatament għandu bżonn il-lanċa għall-għixien tiegħu u tal-familja, l-esponent jirribatti li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-lanċa tiġi sostitwita b'garanzija bankarja u dan *ai termini* tal-artikolu 72(4) tal-Kap. 37.

»(6) L-esponent jirribatti l-argument tar-rikorrent – li ladarba ma kienx preżenti fuq l-imsemmija lanċa allura jsegwi awtomatikament li ma kienx jaf bl-eżistenza tas-sigaretti sdazjati abbord l-istess lanċa – bħala insostenibbli peress li kwalunkwe persuna f'dawn iċ-ċirkostanzi, ladarba ġew skoperti l-oġġetti sdazjati abbord il-lanċja tagħha, se tipprova tiskolpa ruħha billi tallega li ma kinitx taf bl-eżistenza tagħhom sempliċiment għax ma kinitx preżenti.«

4. Bis-sentenza tal-20 ta' Frar 2017, li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Din hi talba ta' sid il-bastiment *MV Alice* li ġie maqbud mid-dwana wara sejbien ta' 3,180 pakkett sigaretti fuq l-istess lanċa li fuqhom ma tħallsitx it-taxxa tas-sisa meta dan ġie lura Malta mill-Libya fid-29 ta' Ġunju 2014. Dan il-qbid sar għax in kontravenzjoni tal-artikoli 60(*b*), (*h*) u (*k*) tal-Kap. 37 u artikolu 17(1)(*a*) u (*d*) tal-Kap. 382, u bis-saħħa tal-artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Kap. 37 u artikolu 17(2) tal-Kap. 382. Dan il-qbid ġie kontestat minn sid il-lanċa peress illi hu qed isostni li ma kienx konsapevoli bl-eżistenza ta' dawn is-sigaretti li ma ġewx dikjarati fid-dokumenti li jiġu rilaxxati lid-dwana mill-aġent tal-vapur u li wara rriżultalu illi ddaħħlu minn wieħed mill-membri Eġizzjani tal-ekwipaġġ impjegat minnu bix-xahar, liema impjegat keċċieh u bagħtu lura l-Eġittu billi dawn l-impjegati ma jkollhomx permess jibqgħu Malta.

»Jirriżulta bħala fatt mhux kontestat illi nstabu sigaretti f'żewġ partijiet differenti tal-lanċa skond ix-xiehda ta' Mario Mifsud, spettur tad-dwana li għamel l-ispezzjoni fuq il-lanċa ftit sigħat wara li din sorġiet fil-Marsa. Instabu ammont ta' tmenin kaxxa sigaretti fis-*supply store* li xi wieħed mill-ekwipaġġ qallu li kienu għall-użu personali tagħhom. Wara spezzjoni ulterjuri nstabu ħamsin kartuna ta' 200 sigarett kull waħda fl-*engine room* fil-parti fejn ikun hemm l-i*steering gear* moħbija fuq ġewwa tal-istess parti tal-bastiment. Hemm nuqqas ta' qbil bejn l-attur u l-uffiċjal tad-dwana lil min kienu jappartjenu dawn is-sigaretti. Skond l-attur, meta nstabu dawn l-aħħar pakketti, il-membru tal-ekwipaġġ Eġizzjan li ntbagħat lura l-Eġittu mill-attur ammetta li kienu tiegħu, mentri skond l-uffiċjal tad-dwana ħadd ma wieġeb meta ġew mistoqsija lil min kienu jappartjenu.

»Id-dokumenti li jsiru għad-dwana esebiti in atti juru illi ebda partita minn dawn is-sigaretti ma ġiet dikjarata kif jirriżulta mid-dokumenti *a fol.* 78 sa 81 tal-proċess.

»Dawn id-dokumenti jġibu t-timbru tal-lanċa *Alice* b'firma fuqha li l-kaptan tal-lanċa Mario Cardona, ħu l-attur, iddikjara li ma ttimbrax u li l-firma mhix tiegħu u ma jafx ta' min hi.

»Kevin Attard, direttur ta' *K Shipping Agency Limited*, xehed li huma awtorizzati mis-sidien tal-bastiment jimlew id-dokumenti doganali malli l-lanċa tidħol fil-port. Huma jiġu avżati sigħat qabel meta hu mistenni jidħol fil-port u hekk seħħ f'dan il-każ. Il-prassi hi li *Transport Malta* jiġu avżati bid-dħul tal-lanċa u l-*berth* fejn ser issorġi. Meta jidħol il-bastiment, kif ġara f'dan il-każ, imur fuqu, jitlob il-*crew list* u jiċċekja l-passaporti tagħhom, isaqsi hemmx *cruise* [*recte*, *crew's*] *effects* u *fuel* billi l-bastiment ikun ġej minn barra l-Unjoni Ewropea. Hu żied li jiddikjara dak li jgħidlu l-*master* jew il-kaptan, f'dan il-każ Mario Cardona. Hu insista li ma ngħatax struzzjonijiet biex jiddikjara sigaretti sdazjati. Hu esebixxa d-dokumenti doganali *a foll.* 129 sa 131 tal-proċess. Philip Cardona jiċħad li hu ta xi struzzjoni lil Kevin Attard biex jimla l-formoli doganali għalkemm Mario Cardona ma jiċħadx li ta struzzjonijiet lil aġent tant li f'depożizzjoni tiegħu *a fol*. 46 tal-proċess fuq domanda tal-qorti jikkonferma li meta ġew Malta ddikjara dak kollu li dakinhar kien hemm fuq il-vapur u telaq id-dar. Madankollu Philip Cardona fix-xiehda tiegħu *a fol*. 103 tal-proċess iżid illi meta mar għal ħuh meta daħlet il-lanċa fil-port qalulu li d-dikjarazzjoni doganali kienet ġà lesta u billi hemm erbgħa u għoxrin ġimgħa biex din tiġi konsenjata lil *Transport Malta* kien ser jikkontattja lil aġent aktar tard biex jivverifikaha però fil-frattemp inqalgħet il-kwistjoni mad-dwana.

»Sid il-lanċa Philip Cardona u ħuh, il-kaptan tal-lanċa Mario Cardona, ċaħdu li kienu jafu li fuq il-lanċa kien hemm sigaretti sdazjati. Huma fix-xiehda tagħhom jagħtu x'wieħed jifhem illi s-sejbien tas-sigaretti mill-uffiċjal tad-dwana sar meta huma ma kinux għadhom waslu fuq il-lanċa. Fil-fatt Philip Cardona jixhed li hu mar għal ħuh Mario meta l-lanċa waslet fil-port biex iwasslu d-dar. Kien xi sigħat wara li hu rċeva telefonata mingħand ħuh illi kienu ġew tad-dwana u staqsewh għalih. Lil Mario Cardona kien ċempillu membru tal-ekwipaġġ u fil-fatt laħaq wasal qabel Philip Cardona fuq il-lanċa. Meta marru huma sabu lil tad-dwana ġà għaddejjin bit-tfittxija. Għalkemm hemm din ix-xiehda fl-ebda ħin l-attur ma kien qed jiċħad li dawn is-sigaretti nstabu mill-uffiċjali tad-dwana meta saret tfittxija u illi ma nstabux fejn l-uffiċjal tad-dwana xehed li sabhom.

»Philip Cardona u ħuh Mario jaqblu illi l-lanċa marret il-Libja biex tikkonsenja merkanzija ta' karrozzi. Il-lanċa fil-fatt hi liċenzjata għat-trasport ta' merkanzija u ma hix lanċa tas-sajd. Malli ħattew il-karrozzi fil-port fil-Libja l-lanċa ġiet lura Malta vojta. Mario Cardona xehed li meta jaslu fil-port tal-konsenja hu jinżel mill-lanċa biex jagħmel kuntatt ma' ċertu nies biex iġib aktar xogħol għan-negozju u hekk seħħ f'dan il-każ. Huma jdumu ftit sigħat biss trakkati fil-port tal-Libja.

»L-aħwa Cardona jgħidu illi l-*crew* barrani ġieli ngħataw *tips* f'forma ta' sigaretti mid-destinatarju meta jkunu kkonsenjaw l-affarijiet lid-destinatarju. Huma jixhdu li dan ikkonfermawulhom il-baħrin Eġizzjani li kellhom impjegati magħhom fuq il-lanċa meta nstabu s-sigaretti.

»Konsiderazzjonijiet legali

»Il-parametri legali ta' din l-azzjoni gew enunċjati b'mod approfondit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa *v.* Kontrollur tad-Dwana</u> (29/01/2016):

»"Il-materja in eżami hija regolata bl-imsemmi rtikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, li jipprovdi:

> »"'68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati:
>
> »"'Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata.'

»"Jiġi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss għal-konfiska f'każ ta' żbark jew importazzjoni iżda saħansitra għat-twarrib, żamma, ħabi jew sempliċi ġarr ta' ħwejjeġ li huma suġġetti għall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oġġetti 'suġġetti għall-konfiska" (ara wkoll l-artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija waħda mandatarja.

»"Fil-fatt fil-gurisprudenza tagħna ġie kostantament ritenut illi:

> »"Għal fini tal-artikolu 68 dak li jitqies l-aktar ċentrali hu l-fatt li l-vettura ntużat biex jiġi mwettaq reat kontra l-Ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoġġetta l-istess vettura għal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni *in calce* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 *in re*: <u>*Cara Ltd v.* Kontrollur tad-Dwana</u> tibqa' waħda valevoli. A propozitu jingħad fiha illi 'l-proċeduri ta' konfiska huma proċeduri *in rem*. Ġaladarba l-merkanzija daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgħa li jikkonfiskaha' – ara <u>Francis Xuereb *pro et noe v.* Kontrollur tad-Dwana</u> – deċiża mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005.

»"Jiġi osservat ukoll illi x-xjenza *o meno* ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-każ, ma tiċċentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-qorti fis-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet <u>Helen Samantha Brett *v.* Kontollur tad-Dwana</u>:

> "'Illi minn qari ta' artikolu 68(1) tal-Kap. 37 jirriżulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qiegħed jitkellem fuqha l-leġislatur hija ta' dak li jkun qiegħed juża l-bastiment. Imkien il-liġi ma tagħmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Għalhekk fejn il-liġi ma tiddistingwix lanqas m'għandhom jiddistingwu dawn il-qrati. Il-qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza <u>Francis Xuereb *pro et noe v.* Kontrollur tad-Dwana</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel qorti, liema kawża kienet tixbah ħafna lill-kawża odjerna. F'dik is-sentenza l-qorti spjegat b'mod ċar ħafna l-kunċett tax-xjenza f'artikolu 68 tal-Kap. 37. Din il-qorti ma tħossx li hemm raġunijiet validi għaliex għandha tiddipartixxi mill-ħsibijiet enunċjati fis-sentenza kwotata. Din il-qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza <u>Guido Vella *v.* Kontrollur tad-Dwana</u> deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'ċirkostanzi simili l-qorti segwiet l-istess ħsibijiet u qalet:

> »““Il-qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, tħoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu għaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-liġi kienet saret minn nies oħrajn. Madankollu, kif sewwa eċċepixxa l-intimat, din il-proċedura tal-konfiska hija waħda *in rem* u l-*buona fede* u innoċenza tal-proprjetarju tal-oġġett konfiskat ma jaffetwawx il-validità tal-konfiska jekk l-oġġetti konfiskati jkunu il-*corpus delicti* fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Cara Limited v.* Kontrollur tad-Dwana deċiża fis-27 ta' Frar 2003'”.

»Quddiem il-Qorti Ċivili, ladarba r-rikorrent qiegħed jattakka l-ħruġ tan-nota ta' qbid, *sta* għalih li jġib il-prova meħtieġa sabiex din il-qorti tiddeċiedi fuq il-bażi ta' probabbilità dwar jekk il-kontrollur intimat kienx ġustifikat li joħroġ in-nota kontestata u dan a bażi tal-liġi tad-dwana fuq il-konsiderazzjoni waħdanija dwar jekk il-mezz ta' ġarr intuzax xjentement sabiex, fost affarijiet oħra, jinġarru, jinżammu jew jinħbew oġġetti li fuqhom ma tħallasx id-dazju.

»*Inoltre* l-artikolu 72(2) tal-Kap. 37 jistabilixxi li l-proċedimenti għat-talba sabiex il-ħwejjeġ maqbuda jintraddu lura għandha ssir quddiem il-qorti ċivili kompetenti. Hawnhekk terġa' ssir referenza għas-sentenza ġà kwotata fl-ismijiet Francis Xuereb *pro et noe v.* Kontrollur tad-Dwana fejn fir-rigward jingħad ukoll:

> »“L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti għar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjetà tal-vettura. In tema għall-artikolu 68 jinkombi fuqu li jġib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex 'xjentement'. Skont prinċipji tradizzjonali, fil-kamp ċivili, l-*onus probandi* jagrava dejjem fuq l-attur jew, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, għaliex l-affermazzjoni qed jagħmilha hu, u l-intimat ma għandux għalfejn jagħmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola proċedurali sanċita fl-artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi 'l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah'. Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mgħobbi li joffri prova adegwata u allura ċ-ċertezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tiegħu. Dan anke għaliex huwa konformi għall-prinċipju regolanti l-piż tal-prova, u allura wkoll tal-esiġenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piż jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli għalih. Jaggrava għalhekk bi dmir fuqu li jagħti prova tal-eżistenza ta' dak il-fatt. Fil-każ in eżami r-rikorrenti ma rnexxilux jiddemostra, għas-sostenn tat-talba tiegħu ta' rivendika, illi min għamel użu bil-vettura tiegħu għat-trasport ta' oġġetti sdazjali ma kellux tabilħaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-artikolu 68, u li jista' jitqies bħala sostratt bażiku tagħha. 'Xjenza' din li, inversament, fil-proċeduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil-prosekuzzjoni li tipprova u ssostni. Dan għaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piż tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jġib 'il quddiem u jsostni l-fatt prinċipali allegat iġib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab

> sostenut illi l-intimat aġixxa abużivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza ċitata (Kapitolu 37)".

> »Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti l-qorti tqis illi l-attur ma skarikax ruħu mill-oneru tal-prova li kellu jġib ta' nuqqas ta' xjenza li min għamel użu mill-lanċa għall-ġarr tas-sigaretti sdazjati ma kellux ix-xjenza li jsemmi l-artikolu 68. Jibda biex jingħad illi d-dikjarazzjoni doganali bit-timbru tal-lanċa u iffirmata turi illi ma ġewx dikjarati s-sigaretti li fuqhom kellha titħallas it-taxxa u illi dawn is-sigaretti nstabu moħbija fuq il-lanċa.

> »Il-kaptan tal-lanċa Mario Cardona, ħu sid il-lanċa, għalkemm jixhed li ma kienx jaf bis-sigaretti, naqas li jġib prova konvinċenti li l-ġarr tas-sigaretti ma sarx xjentement minn xi membru tal-ekwipaġġ tiegħu impjegati ta' ħuh *cioè* l-attur. Mario Cardona kien il-persuna li kellu kontroll tal-lanċa mit-tluq minn Malta sar-ritorn tagħha f'Malta. L-ammont sostanzjali ta' sigaretti misjuba ma jistax jitqies kif jixhdu hu u ħuh bħala *tips* mill-konsenjatarju lill-ekwipaġġ Eġizzjan wara li dawn ħattew il-karrozzi fil-Libja. *Inoltre* l-qorti hi ferm perplessa dwar l-atteġġjament tal-attur u ħuh, rinfaċċjati bl-ordni ta' qbid u meta allegatament kienu sau jafu illi s-sigaretti kienu ttellgħu fuq il-lanċa minn wieħed mill-ekwipaġġ Eġizzjan għax ammetta magħhom dak-inhar stess tal-ispezzjoni doganali. Flok raw kif għamlu biex ikollhom prova miktuba ġuramentata ta' dan il-membru dwar l-allegata ammiss-joni tiegħu li s-sigaretti fuq il-lanċa kienu tiegħu mogħtija bħala *tips* bla ma kien jaf il-kaptan, qabdu u sifruh ftit ġranet wara, spejjeż tagħhom stess. Dan l-atteġġjament flok igħin lil attur jitfa' dubju serju fuq il-prova li jridu jagħmlu *cioè* jekk il-mezz tal-ġarr intuzax xjentement biex jinġarru oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju.

> »Il-liġi hi ċara u l-interpretazzjoni tal-qrati hi skjetta fuq ir-responsabiltà naxxenti minn stat ta' fatt kif jirriżuta f'din il-kawża. L-attur ma ġab ebda prova ta' nuqqas ta' xjenza kif trid il-liġi u għalhekk irid jissottometti ruħu għall-konsegwenzi li timponi l-liġi.

> »Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tqis illi t-talba tal-attur għandha tiġi miċħuda.«

5. L-attur appella b'rikors tat-13 ta' Marzu 2017 u talab li din il-qorti tħassar is-sentenza u tilqa' t-talbiet tiegħu. Il-konvenut wieġeb illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza jixraq li tiġi konfermata.

6. L-aggravju tal-appell huwa msejjes fuq sitt argumenti: (i) l-attur ma kienx jaf bis-sigaretti abbord il-bastiment, iżda wara rriżultalu li impjegat Eġizz-jan, membru tal-ekwipaġġ, kien responsabbli għal dan u huwa keċċieh u bagħtu lura l-Eġittu; (ii) ma jaqbilx mal-ewwel qorti meta din tgħid illi huwa ma ssodisfax l-oneru tal-prova meħtieġa, meta huwa ressaq l-aħjar prova

li seta' jġib u f'kawża ċivili l-grad ta' prova meħtieġ li jintlaħaq huwa dak ta' probabilità u mhux li ma jkun hemm l-ebda dubju dettat mir-raguni; (iii) ghalkemm l-ewwel qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq l-art. 68 tal-Kap. 37, dan l-artikolu jeħtieġ li jkun hemm ix-xjenza fl-użu u l-ħabi tal-oġġetti li d-dazju fuqhom ma jkunx imħallas, iżda f'dan il-każ ma ntweriex li l-attur "xjentement" fittex li jdaħħal f'Malta sigaretti bla ma tħallas dazju fuqhom, u anzi jirriżulta ampjament li sid il-lanċa ma kellu l-ebda xjenza li ddaħħlu oġġetti fuq il-lanċa tieghu bla ma tħallas id-dazju; (iv) huwa kien qabbad aġent sabiex jiddikjara kollox u, meta huwa jitla' fuq il-bastiment, dan jagħmlu sabiex jara jekk l-ekwipaġġ ikollhomx bżonn xi ħaġa u mhux sabiex jivverifika x'hemm fuq il-bastiment, li huwa xogħol l-aġent; tant hu hekk li, meta huwa tela' abbord il-lanċa, kien diġà twettaq l-inkariku tal-aġent; (v) il-*cupboard* fejn instabu s-sigaretti ma kienx jissakkar u għal-hekk setgħet kienet kwalunkwe persuna li poġġiet is-sigaretti li nstabu hemm ġew; u (vi) il-kaptan ma indikax li kien hemm dawn is-sigaretti abbord għax lanqas hu ma kien jaf bihom.

7. Essenzjalment, li qiegħed igħid l-attur hu li la hu u lanqas il-kaptan ma kellhom ix-"xjenza" li trid il-liġi sabiex il-bastiment tiegħu jiġi konfiskat.

8. Jingħad qabel xejn illi s-sentenza tal-ewwel qorti issegwi l-ġurisprudenza li hija fis-sens li x-"xjenza" meħtieġa sabiex tista' validament tiġi konfiskata l-vettura hija dik ta' min jagħmel użu mill-vettura għall-ġarr ta' kuntra-bandu, ukoll jekk dan ma jkunx is-sid, u li ma hijiex meħtieġa wkoll ix-xjenza tas-sid.

9. Madankollu, fil-fehma ta' din il-qorti hemm żewġ fatturi li jimmilitaw kontra din l-interpretazzjoni.

10. L-ewwel fattur hu illi, ukoll f'kawża ċivili u mhux biss f'kawża kostituzzjonali, il-liġijiet għandhom jiġu interpretati b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali. Il-konfiska hija miżura penali u l-liġi ma għandhiex tiġi interpretata b'mod li jiġi penalizzat min ma jaħtix. Jekk ma hemm ebda interpretazzjoni oħra miftuħa l-qorti ta' kompetenza ċivili ma tistax minjeddha "tiddisapplika" l-liġi iżda għandha jew tinqeda bis-setgħa li tagħtiha l-kompetenza kostituzzjonali, jekk tkun il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew inkella, jekk ma jkollhiex dik il-kompetenza, tinqeda bil-proċedura ta' referenza kostituzzjonali. Iżda meta l-liġi tista' tiġi interpretata b'mod konformi, għandha tiġi preferuta dik l-interpretazzjoni, u mhux interpretazzjoni oħra mhix konformi, ukoll jekk dik l-interpretazzjoni jkollha l-konfort tal-ġurisprudenza.

11. It-tieni fattur huwa l-kelma nfisha "xjentement".

12. Naturalment is-sigaretti ma telgħux weħedhom fuq il-bastiment u sabu post fejn jinħbew; xi ħadd tellagħhom u ħbiehom, u dak ix-xi ħadd kien jaf x'qiegħed jagħmel: ma kienx xi sonnambulu. Fi kliem ieħor, min għabba u ħeba l-merkanzija – il-baħri Eġizzjan – bilfors għamel hekk xjentement u allura l-kelma "xjentement" fit-test tal-liġi jew hija superfluwa għax il-merkanzija dejjem titgħabba xjentement jew inkella ma tirreferix għall-persuna li għamlet l-att illeċitu.

13. Huwa prinċipju tal-ermenewtika legali illi interpretazzjoni li tirrendi superfluwa parti mil-liġi hija interpretazzjoni li għandha tiġi skartata. Il-konkluż-

joni mela għandha tkun illi mhix biżżejjed ix-xjenza tal-baħri li għabba u ħeba s-sigaretti.

14. Min-naħa l-oħra l-interpretazzjoni għandha tkun waħda li ma tistultifikax il-għan tal-liġi. Li kieku kienet biss ix-xjenza tas-sid li tirrendi l-bastiment soġġett għall-konfiska, il-liġi kienet tkun effettivament *lettera morta*. Ix-xjenza għalhekk tista' tkun jew tas-sid innifsu jew tar-rappreżentant fdat tiegħu fuq il-bastiment, fi kliem ieħor, il-kaptan maħtur mis-sid jew min ikun fdat fil-ħatra ta' *master* tal-bastiment.

15. Il-kwistjoni mela hi jekk l-attur innifsu jew il-kaptan tal-bastiment kinux jafu, jew setgħux jekk jimxu b'għaqal ikunu jafu, bit-tagħbija u ġarr tas-sigaretti fuq il-bastiment. Din hija interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fondamentali.

16. Fil-fehma tal-qorti hemm indikazzjonijiet biżżejjed illi, x'aktax iva milli le, il-kaptan jekk mhux ukoll l-attur kien jaf jew messu jkun jaf bit-tagħbija u ġarr tas-sigaretti.

17. Kemm l-attur u kemm ħuh, il-kaptan, igħidu illi kien hemm drawwa li l-ekwipaġġ jingħata *tips* f'forma ta' sigaretti mid-destinatarji tal-merkanzija li titwassal fuq il-bastiment. Jekk dawn kinux tassew *tips*, ta' valur li solitament nassoċjaw ma' *tips*, jew kinux xi ħaġa aktar minn hekk hija kwistjoni oħra, iżda l-kaptan ċertament kellu d-dmir li f'kull każ jivverifika x'kienu dawn it-*tips*, speċjalment meta jaf li mal-wasla f'Malta kellu jimla *crew's effects declaration*. In-nuqqas li jagħmel din il-verifika hija *culpa lata*, u li xjentement jagħlaq għajnejh jiswa daqslikeku ra dak li kien jara li kieku żamm għajnejh miftuħa.

18. Jekk is-sigaretti kinux tassew tal-baħri Eġizzjan jew kinux ta' xi ħadd ieħor hija wkoll kwistjoni oħra. Iżda toħloq suspett id-deċiżjoni tal-attur li minnufih iħallas biex jibgħat lil dan il-baħri barra minn Malta qabel ma jittella' jixhed u x-xiehda tiegħu forsi kienet titfa' aktar dawl fuq dawn is-sigaretti u għal min kienu. Għalfejn minnufih intbagħat mnejn ma jistax jinġieb biex jixhed? Toħloq suspett ukoll ix-xiehda tal-attur li dan il-baħri ammetta mal-uffiċjal tad-dwana li s-sigaretti kienu tiegħu meta l-uffiċjal, Mario Mifsud, ċaħad dan.

19. Ċertament dan ma huwiex aktar minn suspett ġenerat minn azzjoni suspettuża, iżda abbinat ma' indikazzjonijiet oħra għandu l-piż tiegħu wkoll.

20. Il-kaptan xehed li meta l-bastiment daħal Malta hu iddikjara dak kollu li dakinhar kien hemm fuq il-bastiment u telaq lejn id-dar. Iżda d-dokumenti għad-dwana – li fuqhom ma ġewx dikjarati s-sigaretti – jġibu t-timbru tal-lanċa b'firma fuqha li l-kaptan iddikjara li ma ttimbrax hu u li l-firma mhix tiegħu u ma jafx ta' min hi. Mela jekk id-dokumenti ma ġewx ittimbrati u iffirmati mill-kaptan, mela l-kaptan, kontra dak li xehed, ma ttimbrax u ma ffirmax dokumenti għad-dwana għax kieku d-dokumenti awtentiċi ffirmati u ttimbrati mill-kaptan kienu jiġu prodotti. X'raġuni kien hemm għal dan? Is-sid jew il-kaptan fittxew biex jaraw min kien li kellu aċċess għad-dokumenti u għat-timbru?

21. Relevanti wkoll il-fatt li l-kaptan xehed li ma ta ebda informazzjoni lil Kevin Attard, direttur ta' *K Shipping Agency Limited*, aġenti tal-bastiment u li meta mar il-*baggage room* qalulu li d-dikjarazzjoni kienet lesta u li l-aġent

għamilha hu mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu, iżda Kevin Attard ċaħad dan u xehed illi "jien niddikjara dak li jgħidli l-klijent; jien ma nagħmilx *search* fuq il-bastiment; niddikjara dak li jgħiduli l-*master* jew inkella l-*owner*". Din ix-xiehda hija kkoroborata minn dik tal-ufficcjal tad-dwana Mario Mifsud li xehed li l-prassi hija li l-"prattika" bħala dikjarazzjoni ssir mill-kaptan jew mill-*crew*. Dan ukoll hu fattur li joħloq suspett dwar il-kredibilità tal-kaptan.

22. Dawn il-fatturi, meħuda individwalment, forsi joħolqu biss dubji, iżda meħuda flimkien iwasslu biex din il-qorti temmen illi, aktar iva milli le, il-kaptan, għallinqas, kien jaf, jew, li kieku mexa bil-għaqal mistenni minnu, messu kien jaf x'kien qiegħed jinġarr fuq il-bastiment.

23. Ir-responsabbilità li jiġu ddikjarati s-sigaretti kienet tal-kaptan, li, qabel ma jagħmel dikjarazzjoni fis-sens li ma kienx hemm ħwejjeġ suġġetti għad-dazju abbord il-lanċa, kellu r-responsabbilità li jivverifika li ma kien hemm xejn abbord li kellu jiġi ddikjarat. Wara kollox l-istess kaptan xehed li, meta l-bastiment kien sorġut il-Libja, huwa llarga għal madwar siegħa sabiex jipprova jattira aktar negozju. Mela kien aktar importanti li jivverifika dak li kien hemm abbord, hekk kif wasal lura fuq il-bastiment. Meqjus il-qies tal-kaxxi tas-sigaretti sdazjati, kif jidher mir-ritratt *a fol*. 18, minn sempliċi spezzjoni kellu jkun ovvju li kien hemm kwantità mdaqqsa ta' sigaretti, li ċertament ma setgħux ma jiġux innutati li kieku saret l-ispezzjoni li kien jitlob l-għaqal fiċ-ċirkostanzi, u mhux biss għax kienet magħrufa d-drawwa li jingħataw *tips* lill-ekwipaġġ.

24. Barra minn hekk, is-sigaretti ma nstabux sempliċement f'*cupboard* li ma jissakkarx kif jingħad mill-appellant: l-ufficjal tad-dwana Mario Mifsud xehed li nstabu s-sigaretti f'żewġ postijiet fuq il-lanca: instabu madwar tmenin pakkett fis-*supply room* li l-ekwipaġġ qalulhom bihom li kienu għall-użu personali taghhom, mentri minn tfittxija ulterjuri mill-uffiċjali tad-dwana irriżulta li isfel fl-*engine room,* fejn ikun hemm l-i*steering gear*, sabu sitt *master cartons* ta' madwar sittin elf (60,000) sigarett. Dan kien numru konsiderevoli ta' kaxxi ta' sigaretti li ma setgħux ma jinstabux kieku saret tfittxija bis-serjetà. Għalhekk jiġi ribadit li minn verifika sempliċi mill-kaptan seta' faċilment jiġi vverifikat u ddikjarat li kienu qegħdin jinġarru dawn is-sigaretti. Jekk kwalunkwe persuna setgħet faċilment tellgħet abbord is-sigaretti meta kien assenti l-kaptan, daqstant kellu jkun faċli għall-kaptan, bħala l-persuna responsabbli mil-lanċa, li qabel ma jitlaq mil-Libja jaċċerta ruħu li ma kien hemm xejn abbord bi ksur tal-liġi. Din il-qorti, meta qrat ix-xiehda tal-kaptan, mhix konvinta li l-kaptan ma kienx jaf li l-membri tal-ekwipaġġ jinghataw sigaretti bħala *tips*: *"… … …* dawn bħala *tips* is-soltu jieħdu xi ħaġa *tips* dawn min-naħa tagħhom; bħala *tips* dawn l-affarijiet ma jiswew xejn u tawhom dawn il-kaxxi sigaretti u dawn tefgħuhom ġol-kamra. Jiena fuq il-*bridge* inkun u ma nistax noqgħod indur kull kantuniera". Apparti li din ix-xiehda titfa' dubju dwar kemm il-kaptan tassew ma kienx jaf b'dan l-arranġament li kellhom il-membri tal-ekwipaġġ, din l-istess xiehda tistona mar-responsabbiltajiet tal-kaptan ta' bastiment li jivverifika l-affarijiet sew qabel ma telqu mil-Libja. Il-kaptan huwa responsabbli għall-bastiment u jirrappreżenta lis-sid, u kien dmir tiegħu jara li, waqt li hu kien assenti minn fuq il-bastiment, ma tkunx saret

xi ħaġa li tikkomprometti l-bastiment u l-posizzjoni legali tiegħu u tas-sid. Darba ma żammx kontroll tal-bastiment f'kull ħin waqt li kien il-Libja, kellu jkun aktar diliġenti u jivverifika s-sitwazzjoni qabel ma jitlaq mill-Libja; dan, wara kollox, huwa dmir tieghu bħala kaptan.

25. Dan kollu hu biżżejjed għall-għanijiet ta' "xjenza" li trid il-liġi.

26. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm